MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**CLAIRE-LOUISE STAFRACE**

Seduta tat-28 ta' Ottubru, 2011

Numru. 15/2011

**Il-Pulizija**
**[Spettur Angelo Gafa`]**

**vs**

**John Karl Grech**

**Il-Qorti,**
Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi John Karl Grech detentur tal-karta tal-identita` numru 424287(M).

Akkuzat talli:
F'dawn il-Gzejjer, fil-21 ta' Mejju 2009 jew fil-jiem ta' qabel, ta ordni lil haddiehor biex jaghmel delitt, jew gieghel li d-delitt isir b'mezz ta' rigali, jew ta struzzjonijiet biex isir id-delitt, jew b'xi mod li jkun, xjentement, ghen jew assista lill-awtur jew awturi tad-delitt, fl-atti illi bihom dawn, taw dikjarazzjoni falza jew certifikat falz;

Kif ukoll talli fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi, wieghed, ta jew offra, sew b'mod dirett jew indirett, xi vantagg mhux xieraq lil xi persuna, li asserixxiet jew ikkonfermat li kienet kapaci taghmel xi influwenza mhux xierqa fuq il-mod kif tiddeciedi xi persuna li hemm imsemmija fis-Sub-titolu IV tat-Titolu III tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabiex igieghel lil dik l-istess persuna tesercita dik l-influwenza.

Rat id-dokumenti, inkluz il-Kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kawza ojderna tigi trattata bi procedura odjerna;

Rat l-ezami tal-imputat fejn wiegeb li hu hati ghall-akkuzi kif dedotti kontrih u l-konferma ta' tali ammissjoni wara li nghata z-zmien opportun sabiex ikun jista' jirregola ruhu; u

Rat il-fedina penali tal-imputat li hija netta;

Rat li l-imputat ikkopera bis-shih mal-prosekuzzjoni u l-involviment tieghu ma kienx determinanti ghall-otteniment tal-licenzja in kwistjoni.

Ghal dawn il-motivi, u wara li rat l-Artikoli 17(h), 42(d), 185(1) u 121A(1) tal-Kodici Kriminali qed issib lill-imputat John Karl Grech hati tal-akkuzi kif kollha kif dedotti kontrih u bl-applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap. 446 qeghda tilliberah bil-kundizzjoni li ma jikkommettix reat iehor fi zmien sentejn (2) mil-lum.

Finalment spjegat fi kliem semplici r-riperkussjonijiet jekk din l-ordni ma tigix obduta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------